# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.4

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.4: Kif għandna ngħixu**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti**

- Jiddiskutu xi tfisser relazzjoni.
- Jitgħallmu minn Ġesù dwar ir-relazzjonijiet.
- Jifhmu xi tfisser li timpenja ruħek - iżżomm commitment.
-

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Mill-youtube - *Judging others*

http://www.youtube.com/watch?v=bheK1MQv3OI

- Karta ta' taħriġ 5.4

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Aqra s-silta (Matt.18:21 -22) lill-istudenti:



'Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: 'Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex naħfirlu? Sa seba' darbiet? 'Ma ngħidlekx sa seba' darbiet,'wieġbu Ġesù, imma sa sebgħa u sebgħin darba.'

- Staqsi:

✓ Qatt kellek il-bżonn li l-ħbieb tiegħek jaħfrulek?
✓ Qatt ħfirt int lil xi ħadd?
✓ Għaliex taħfer?

**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

- Irreferi għas-silta (uri klipp): Tiġġudikawx mill-Vanġelu ta' San Luqa: Lq6,37-40': "Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx u ma tkunux ikkundannati; aħfru u ssibu l-maħfra, agħtu u jingħatalkom.'
- Spjega li meta niġġudikaw lil xi ħadd bħal tfal oħra li qegħdin fil-klassi magħna u narawhom differenti minna, kemm fi kliemhom kif ukoll f'għemilhom, Ġesù jridna nuru aktar kompassjoni, mogħdrija u ħniena fil-mod ta' kif inħarsu lejn tfal oħra. Meta aħna niġġudikaw lil ħaddieħor hemm ċans kbir li ħa nweġġgħuh. Ġesù jridna nkunu qalbna tajba speċjalment ma' min hu għadu tiegħu.



- Fakkar kif darba Ġesù kien qiegħed jgħallem lin-nies fuq il-muntanja u fakkarhom li fl-Antik Testment hemm miktub li jekk xi ħadd iweġġgħek, weġġgħu lura. Ġesù qalilhom li Alla ma riedx hekk iżda li nħobbu lil min iweġġagħna. Ma jridniex li npattu. Qalilhom biex ma jiġġudikawx għax aħna lkoll nagħmlu l-iżbalji. L-ewwel għandna naraw x'inkunu għamilna aħna stess, bħal nagħmlu eżami tal-kuxjenza, u qabel ma niġġudikaw lil ħaddieħor għandna nirranġaw fejn niżbaljaw aħna.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 5.4, aqra s-silta u fi gruppi stieden lill-istudenti jaħdmu Attività A u B.

  Risposti: resaq - Mulej – darba – jonqosni – sebgħa – sebgħin.

  Attività B: 2-4-1-3.
- Aqra Attività C, oħloq diskussjoni u fakkar li rridu nagħtu ċans lil kulħadd u ngħinuh jinbidel.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Li Alla ma jridniex li nkunu suppervi u niġġudikaw lil ħaddieħor mingħajr mogħdrija.
2. Il-ħniena trid tidher aktar fil-ħajja tagħna.
3. Aħna rridu nuru aktar ħniena f'għemilna u fi kliemna.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Aħna nagħżlu li bħal Ġesù nuru ħniena lejn il-proxxmu tagħna speċjalment lejn min jagħmlilna d-deni.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Youtube :'judging others' video

http://www.youtube.com/watch?v=bheK1MQv3OI



**Nitolbu**

Mulej Alla, kun ħanin miegħi u għinni nitgħallem

ma niġġudikax lil sħabi bħalma Ibnek Ġesù

għamel fil-ħajja tiegħu.

